Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 228/2015

Il-Pulizja

Spettur Trevor Micallef

Vs

Ali Ibrahim Wadi

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ali Ibrahim Wadi detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 118287A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-20 ta' Gunju, 22014 ghal xi hamsa u nofs ta' filghodu gewwa San Giljan u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' handbag li kien fih kartiera vojta, fwieha tad-ditta Pupa u hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin ghad-detriment ta' Ramona Florenti u/jew persuni ohra.
2. Talli fil-21 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tal-04:45 ikkommetta ħarba sempliċi waqt li kien fil-kustodja ta' persuni inkarigati mill-kustodja tiegħu;
3. Talli fl-istess data, ħin u lok u ċirkostanzi irrifjuta li jagħti jew ta' falz, lil uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku

waqt li kien qiegħed jagħmel id-dmirijiet tiegħu ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikolaritajiet oħra;

4. Talli fl-istess data, ħin u lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħ il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8 tal- Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal- Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Ottubru, 2015, fejn il-Qorti sabet lil Ali Ibrahim Wadi ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli 17(b)(d), 31, 151, 160, 261(f), 270, 281(a), 338(c) u 533 tal-Kodiċi Kriminali non che l-Artikoli 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292 tal-1939 u ikkundannatu għall-piena ta' tnax il-xahar priġunerija flimkien ma multa komplessiva fl-ammont ta' elf euro (€1000).

Inoltre il-Qorti bħala konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-eżibiti f'dan il-każ.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ali Ibrahim Wadi, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Novembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti:

Tirrevoka s-sentenza appellata billi:

1. Filwaqt li tikkonferma kwantu s-sejbien ta' htija a tenur tat-tieni u r-raba' imputazzjoni;

2. Thassarha in kwantu s-sejbien ta' htija a tenur tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni u tghaddi sabiex timponi piena katar ekwa u gusta ghall kaz odjern.
3. U fl-eventwalita' li tikkonferma l-hitija skond kif konfermat mill-Ewwel Onorabbli Qorti li tvarja l-pinea ghal wahda aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-Appellant Ali Ibrahim Wadi huma s-segwenti w cioe':-

A. Aggravju dwar in-nuqqas ta' kredibbilita' tal-allegat vittima.

Fil-kaz in ezami l-Ewwel Onorabbli Qorfi sahqet li a bazi u a tenur tal-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali, moqri u mehud fid-dawl tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, l-imsenimija kwerelanta Ramona Florentina Cuca kienet kredibbli u li ghaldaqstant il-kaz tal-prosekuzzjoni kien ippruvat skond il-ligi ossia sal-grad tac-certezza morali.

Fil-kaz odjern, il-prova principali hija x-xhieda tal-istess persuna li kienet qeghda tallega htija fuq l-esponenti, u ghalkemm dan huwa ai termini tal-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wiehed ma jistax ma jsemmix punti validi fir-rigward tal-kredibilità ta din ix-xhieda;

a.i. Nuqqas ta' rapport dwar l-allegata serqa

Fil-kaz odjern, meta jigi ikkumparat ma kazijiet simili ta' dan it-tip, jispikka l-fatt illi il-vittma baqghet ma rrapurtatx is-serqa sakemm ma rat lill-esponenti gewwa l-post fejn hija tahdem.

Legalment u ragjonevolment, jistqasi l-esponenti, tali agir da parti ta' Cuca, huwa normali illi f'sitwazzjoni bhal din, meta persuna tishaq dwar il-biza taghha ghal sahhitha ma tfittixx l-ghajnuna u l-protezzjoni immedjata tal-Pulizija? U dan sabiex

tirkupra dak li tkun tilfet u anke sahansitra biex hija stess tassigura li din is-sitwazzjoni ma tergax issehh, la lilha U lanqas lil haddiehor.

Ma qalet lil hadd, la lil tal-familja, la lil hbieb u lanqas lil Pulizija. Ghandu mis-sewwa dan l-agir? L-esponenti jishaqq li le ma ghandux mis-sewwa.

a.ii. Verzjoni differenti dwar il-lok tal-malvivent

Ghandha tigi mfakkra dma l-Onorabbli Qorti li skond dak li x-xhud rraportat lil PS 1543 folio 34, skond din ix-xhud il-malvivent kien qieghed jistenntha fil-komun! Verzjoni din diametrikament l-oppost ta' dak li hija sahqet fil-Qorti.

a.iii. Nuqqas ta' kredibilità fir-rigward tal-konvinzjoni tax-xhud

Intimament konness ma' l-ewwel sub-aggravju jehtieg li ssir evalwazzjoni tal-attendibilità tax-xhud in konnessjoni mal-identifikazzjoni tal-esponenti.

Ix-xhud sahqet il-konvinzjoni taghha li kien l-esponenti li seraqha, qathet li gharrfitu minn wiccu u li fil-jum tas-serqa huwa kien minghajr lehja.

Tenut kont ta' dak li jiddisponi l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, legalment u ragjonevolment, jistaqsi l-esponenti, kif tista' qatt titwemmen din ix-xhud tenut kont tal-fatt li din ix-xhud tahdem f'lap dance night club gewwa Paceville, fejn aktarx iva milli le l-maggor parti tal-klijenti ii jzuru dan l-istabbiliment huma rgiel, u li certament fosthom jinkludu rgiel ta' nazzjonalita Libjana, li hija gharrfet lill-esponenti?

Ghandu jittqies li l-esponenti ma ghandux xi karatteristici partikolari li jghinuh jispikka f'nofs il-folla, izda huwa persuna ta' nazzjonalità Libjana tipiku.

Legalment u ragjonevolment li l-esponenti thawditu ma' terz hija ferm verosimili u li in segwitu ta' tali identifikazzjoni zbaljata x-xhud baqghet temmen li huwa l-esponenti l-malviventi leading to a false positive.

Ghandu jitqies li din ix-xhud ix-xoghol proprju taghha huwa li tkellem l-akbar numru ta' rgiel parruccana tal-istabbiliment fejn tahdem fl-istess leji. Aktar ma "tkellem" irgiel, akbar il-qliegh taghha. Din l-Onorabbli Qorti ghandha taghmel

distinzjoni bejn dak ii l-vittma hi konvinta minnu u dik li hija l-verita, liema verita ghandha tkun ibbazata fuq fatti. Fil-kaz odjern, ghajr ic-certezza li qed tinsisti l-vittma, ma hemm ebda prova ohra biex titfa htija minghajr ebda dubbju ragjonevoli fuq l-esponenti.

L-Ewwel Onorabbli Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-vittma tat deskrizzjoni cara tal-oggetti li kellha fil-basket, li kienu ta valur minimu, bhala konferma li l-vittma ma kinitx qeghda tipprova tapprofitta ruhha mill-imputat; b' kull rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, id-deskrizzjoni cara tal-oggetti misruqa tal-vittma kapaci jikkonfermaw li s-serqa sehhet, izda l-ghan ta' dan l-appell m' huwiex biex jidhol fil-mertu ta' jekk saritx serqa jew le. L-ghan ta' dan l-appell huwa biex jitfa dawl fuq il-fatt illi dan il-punt wahdu ma jistax jinghadd bhala ghajnuna biex jinkrimina lil imputat tas-serqa.

a.iv. Kredibilita mhix ikkunsidrata fir-rigward tal-esponenti

F' kaz fejn minhabba nuqqas ta' evidenza l-Qorti jkollha sserrah fuq ix-xhieda moghtija ai termini 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il- Qorti taghzel li temmen dik ix-xhieda li tkun l-izjed kredibbli. L-Ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li ma temminx il-verzjoni tax-xhieda tal-esponenti, minhabba xi inkonsistenzi li ma ghenux biex isahhu l-konvinzjoni morali tal-istess Onorabbli Qorti.

L-ghan ta' dan l-appell huwa biex jitfa lenti fuq xi punti li jsahhu l-kredibilita tal-esponenti li l-Ewwel Onorabbli Qorti, b' kull rispett, ma kkunsidratx jew anzi ikkunsidrathom bhala nuqqas ta' kredibilita' tax-xhieda tal-esponenti.

Jishaqq l-esponenti li l-fattur wahdu li l-fedina penali tal-esponenti [misjuba a fol. 13] hija wahda netta, u allura ma ghandux 'track record' ta' serq jew ta' xi delitti ohrajn ma ttihditx u ma ntuzatx fl-gharbiel tal-provi.

Lanqas ma ttiehed in konsiderazzjoni li x-xhud tishaqq li hija tkellmet bl-ingliz ma' l-aggressur taghha u li l-esponenti ma huwiex kapaci jitkellem sia bil-malti u wisq anqas bl-ingliz! Kieku l-esponenti seta' u/jew kien kapaci jitkellem bl-ingliz, l-istqarrija tal-esponenti kienet tkun bl-ingliz u li l-proceduri penali odjerni kienu jsiru bl-ingliz a tenur u bis-shha tal-Kap. 189 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-deliberazzjoni tal-htija, l-Ewwel Qorti, ikkummentat obiter illi:

"jekk veranient kien innocenti kif jipprofessa li hu, ghaliex hass il-htiega li jahrab mill-kustodja tal-Pulizija, minflok ma jaghti lok li jispjega u jikkjarikika l-innocenza tieghu mal-ispettur tal-Pulizija, li dak il-hin kien ghadu ma kelmux?".

Jidher li l-Ewwel Qorti naqset milli tgharraf kif fuq il-persuna tal-esponenti kienet hemm zewg pakketti ta' cannabis. Ghandek persuna estera li ghanda kif giet arrestata bla kliem u bla sliem u li fuq il-persuna taghha fil-mument tal-arrest hemm sustanza ilegali, legalment u ragjonevolment, x'jaghmel persuna dak il-hin mahnuq mil-paniku tas-sitwazzjoni?

Dak li qedha tishaqq fuqu l-Ewwel Qorti ma ghandux bazi tenut kont tal-fatt li mal-arrest tieghu, anke jekk ghal grazzja tal-argument l-esponenti gie infurmat dwar ir-raguni tal-arrest tieghu, l-esponenti ma kellux il-fakulta ta' interpretu u ghaldaqstant zgur li huwa haseb li kienet in konnessjoni ma' sustanza illegali. Li kieku huwa kien jaf li kienet in konnessjoni ma xi serqa, tenut kont li l-esponenti qatt ma seraq ma kienx jagixxi hekk u kien jibqa fejn kien qieghed proprju to protest his innocence.

L-esponenti jidher li safa fl-izvantagg bhal ma jghid il-proverbju Ingliz "being at the wrong place at the wrong time". L-esponenti fuq il-pedana tax-xhiedha ammetta htijietu [li jgibu maghhom piena ta' prigunerija] izda cahad dawk l-imputazzjonijiet li ma humiex attribwibbli lilu.

Lanqas dan il-fattur ma ttiehed in konsiderazzjoni mil-Ewwel Qorti.

B. Aggravju dwar iz-zmien tal-incident

Il-gurisprudenza hija kopjuza u konsistenti sia mil-lat tal-qrati penali u sia mil-lat tal-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali li l-jum tal-incident huwa krucjali sabiex tigi determinata htija.

Fil-kaz odjern, l-esponenti gie mixli li huwa s-serqa ghamilha fl-20 ta' Gunju 2014 u huwa hekk gie misjub hati.

Bir-rispett pero', l-esponenti jishaqq li l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-livell tal-prova minnha mistenni in konessjoni mal-ewwel imputazzjoni. Fil-bidu tad-deposizzjoin

taghha l-esponenti tishaqq li bejn il-jum tas-serqa, U l-jum li gharrfitu kien hemm gurnata in between stante li kienet off duty - b'hekk il-jum tas-serqa jigi nhar id-19 ta' Gunju 2014 - fol 37.

Aktar il-quddiem fid-deposizzjoni taghha hija tishaqq li l-ghada tas-serqa ratu gewwa Pacevillie - b'hekk li l-jum tas-seraq jigi nhar l-20 ta' Gunju 2014 - fol 42.

Aktar il-quddiem fid-deposizzjoni taghha hija tishaqq li ma tafx ezatt meta sehhet is-serqa, izda taf biss meta hija gharfitu! - fol 48. Legalment u ragjonevolment huwa dan il-metodu li bih jinltahaq il-livell tal-prova sal grad tac-certezza morali?

C. Aggravju in konnessjoni mat-tielet imputazzjoni

L-Ewwel Qorti sabet lill-esponenti hati tal-fatt migjub il-quddiem f'din it-tielet imputazzjoni ossia li huwa rrifjuta u/jew ta falz id-dettaiji tieghu.

Provi f'dan ir-rigward pero' ma ngabux il-quddiem. Il-kumment obiter tal-Ewwel Qorti: "Jirrizulta wkoll ippruvat mill-provi prodotti li l-imputat ikkommetta r-reati imsemmija fit-tielet imputazzjoni", ma jsib konfort fi-ebda prova.

Ma huwiex mifhum a bazi ta' xhiex u ta' liema provi, l-esponenti nstab hati.

D. Aggravju dwar il-piena

Tenut kont tal-fatt ii l-esponenti huwa a first time-offender, tenut kont tal-fatt li l-esponenti ma ghandu l-ebda procediment penali kontra tieghu, tenut kont tal-fatt li l-esponenti dejjem obda l-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest fuqu mposti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-esponenti jemmen li l-piena fuqu mposta setghet kienet atar miti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Novembru 2016 fejn din il-Qorti issollevat *ex officio* l-pregudizzjali dwar in-nullita tar-rikors ta'l-appell u dan billi ghalkemm l-appellanti talab ir-revoka tas-sentenza appellata, izda imbaghad talab il-konferma ghas-sejbien ta' htija ghat-tieni u r-raba imputazzjonijiet u talab ir-revoka biss ghal htija pprounzjata ghall-ewwel u it-tielet akkuzi biex b'hekk it-talba kif impustata mill-appellanti hija wahda kontradittorja.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghal din l-pregudizzjali sollevata mill-Qorti dwar in-nullita tar-rikors ta'l-appell billi ghalkemm it-talba hija wahda ta' thassir u revoka tas-sentenza impunjata madanakollu l-appellanti fl-istess nifs qieghed jitlob il-konferma ta' dik il-parti tad-decizjoni fejn hu gie misjub hati tat-tieni u r-raba akkuzi. Illi l-Qorti akkordat zmien lill-partijiet sabiex iressqu is-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward u wara li semghet lill-partijiet hija tas-segwenti fehma:

Illi t-talba giet hekk redatta *verbatim* mill-appellanti:

".... l-esponenti bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha **tirrevoka** s-sentenza appellata billi:

1. filwaqt **li tikkonfermaha** nkwantu s-sejbien ta' htija a tenur tat-**tieni u r-raba imputazzjoni,**
2. **thassarha** in kwantu s-sejbien ta' htija a tenur tal-**ewwel u t-tielet imputazzjoni** u tghaddi sabiex timponi piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.
3. u fl-eventwalita li tikkonferma l-htija skond kif konfermat mill-Ewwel Onorabbli Qorti li tvarja l-piena ghal wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern."

Illi ma hemmx dubbju illi minn qari tat-talba kif redatta, din hija ghal kollox kontradittorja. Illi minn qari tad-decizjoni impunjata ghandu johrog illi l-appellanti gie misjuba hatji tar-reati kollha lilu addebitati u ikkundannatu ghal-piena ta' tnax-il xahar prigunerija. Illi l-aggravvji imressqa 'il quddiem mill-appellanti kollha jikkoncernaw il-mertu tal-kaz meta essenzjalment issir kritika dwar l-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti fejn, fil-fehma ta'l-appellanti, il-verzjoni moghtija mill-uniku xhud u cioe' mill-vittma Ramona Florentina Cuca ma kenitx wahda kredibbli u li l-Ewwel Qorti zbaljat meta ma tatx affidament lid-deposizzjoni tieghu li kienet iktar kredibbli. Jilmenta ukoll illi d-data u il-lok ta'l-incident mertu tal-kaz gew indikati erronjament u finalment iressaq zewg aggravvji marbuta mas-sejbien ta' htija ghat-tielet imputazzjoni u iehor dwar il-piena inflitta.

Illi din il-Qorti diversament preseduta dahlet *funditus* f'din il-kwistjoni fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Galea [ 30.6.1995] ( Per V. De Gaetano J.) fejn gie ritenut li:-

**"minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita' ta' appell, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :- (a) Bhala regola generali, l-artikolu 419 (1) , cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza , giet "very strictly and rigidly interpreted" - ("The Police vs. John Hill", Criminal Appeal, [23.9.1972] (b) ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghal tibdil, fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil , PURCHE' LI DIN IT-TALBA TKUN SUBORDINATA GHALL-EWWEL WAHDA (emfasi ta' din il-Qorti). In fatti, anki jekk jintalab biss it-thassir, din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir, ir-rikors ikun null."[1]**

Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ghandu jirrizulta illi fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 419(1)(c) tal-Kodici Kriminali ghandha tintalab ir-revoka **JEW** ir-riforma tad-decizjoni impunjata. Issa huwa indubitat illi id-decizjoni impunjata sabet reita' ghar-reati kollha addebitati lill-appellanti. Issa ghalkemm l-appellanti qieghed jitlob it-thassir tas-sentenza, madanakollu subordinatament qieghed jitlob il-konferma tal-htija ghat-tieni u r-raba imputazzjonijiet. Fil-fatt fil-korp tar-rikors ta'l-appell ma jidhirx illi hemm xi aggravvju marbut mas-sejbien ta' htija ghal dawn iz-

[1] ("Pul.vs. Anthony Zammit" ( [1.10.60], Vol. XLIV , iv. p.940); "Pul. vs. Richard Vincenti Kind" , App. Krim. [16.9.72]; "Pul. vs. Carmelo Agius" , App. Krim. [4.10.1972]. Illi sentenzi ohra li minnhom kienu jemergu dawn il-principji huma : "La Polizia vs. Ernesto Laiviera", [18.10.1930] ; Vol. XXVII , iv. P.829; "La Polizia vs Carmelo Carabott et." [8.11.1933], Vol. XXVIII, iv. P.205; Pulizija vs. Francis Saviour Zammit Cutajar , App.Krim. [23.1.1971]; Pulizija vs. Carmelo Farrugia et. App. Krim. [11.11.1976] ; Pulizija vs. Carmelo sive Lino Scicluna , App. Krim.[ 1.9.1977]; Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri et ,[ 26.4.1985]; Pulizija vs. Anthony Zammit [1.10.1960] Vol. XLIV , iv. P.940 ; Pulizija vs. Richard Vincenti Kind , App. Krim. [16.9.1972] ; Pulizija vs. Carmelo Agius App. Krim. [14.10.1972]; Pulizija vs. Emmanuel Bonnici , App. Krim. [5.10.1990]; Pulizija vs. Joseph Desira [18.3.1972] ; Pulizija vs. Crusifix Buttigieg , [18.3.1972]; u Pulizija vs. John Vella Chritien App. Krim. [6. 5. 1972] u Il-Pulizija vs. Jesmond Farrugia [13.2.2001].

zewg akkuzi u cioe' ghar-reat tal-harba semplici mill-kustodja tal-pulizija u dik tal-pussess tal-pjanta cannabis. Illi anke l-aggravvju marbut mad-data ta'l-incident huwa indirizat biss lejn l-akkuza tas-serqa u mhux ukoll lejn l-akkuzi l-ohra.

Illi ghalkemm anke l-Qorti Kostituzzjonali[2] sahhqet fuq l-importanza li jigu osservati r-rekwiziti mehtiega ghal validita tar-rikors ta'l-appell, in-nuqqas ta' liema rekwiziti jimporta n-nullita ta'l-istess, madanakollu sahhqet illi meta mill-korp ta'l-appell, huwa evidenti x'inhuma dawk il-lanjanzi imqanqla mill-appellanti allura ic-cahda tas-smigh tal-appell mill-Qorti ta' revizjoni biss minhabba dan id-difett procedurali jista' iwassal ghal cahda ghal smigh xieraq.

**"Il-htiega li fir-rikors tal-appell jigi indikat b'mod car u mill-ewwel jekk l-appellant hux qed jitlob ir-revoka tas-sentenza kollha kemm hi jew il-varjazzjoni taghha (u allura liema parti qed jitlob li tigi konfermata u liema mibdula) hija imposta biex jigi assigurat li l-kawza titpogga fuq il-binarju korrett mill-ewwel, cioe` mal-presentata tal-istess rikors, u li ma jsirux appelli bl-addocc, specjalment meta jkun hemm diversi imputazzjonijiet, ghas-semplici fini biex l-appellant jipprova, kif jghid il-Malti, "fejn laqat, laqat"! Il-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 jipprovdu ghal mod organiku sabiex l-appelli, sia jekk isiru mill-persuna misjuba hatja u sia jekk isiru mill-Avukat Generali, ikunu jistghu jinstemghu bi speditezza. Huwa minnu li din id-disposizzjoni kienet introdotta fil-Kodici Kriminali fl-1900, meta l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet testendi ghal reati li jkollhom piena ta' mhux aktar minn tlett xhur prigunerija (kien biss bl-Att XXIX tal-1940 li l-kompetenza ta' din il-Qorti bdiet, ftit ftit, tigi estiza); izda r-rekwiziti, taht piena ta' nullita`, tal-imsemmija tlett paragrafi huma aktar importanti llum meta persuni spiss ikunu akkuzati b'diversi akkuzi (u ta' aktar serjeta` milli setghu qatt kienu fl-1900) u allura spiss jigri li jinstabu hatja ta' xi whud minnhom u jigu liberati minn ohrajn, u ghalhekk ikun indispensabbli li mill-bidu nett jigi ccarat x'qed jitlob l-appellant."**

[2] Richard sive Rachela Spiteri et vs Avukat Generali deciza Q.K. 09/03/2010. Ara ukoll Norman Lowell vs Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja Kost.28/02/2011

Illi esposta l-gurisprudenza in materja u wara li l-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u in-noti ta' sottomissjonijiet dettaljata imressqa minnhom tqies illi ghalkemm it-talba principali imressqa 'il quddiem mill-appellanti hija wahda ghat-thassir tas-sentenza impunjata, madanakollu **imbaghad subordinatament** huwa jispjega b'mod dettaljata dak li irid ifisser bit-talba tieghu sabiex allura kemm il-Qorti kif ukoll l-avversarju tieghu u cioe' l-Avukat Generali (kif jafferma hwua stess fin-nota ta' sottomissjonijiet imressqa minnu) jistghu jifhmu tajjeb l-lanjanzi tieghu fil-konfront tas-sentenza appellata u dak li qieghed jitlob ezattament. Dan huwa imfisser ukoll car fil-korp tar-rikors ta'l-appell fejn l-appellanti jispjega fid-dettall l-aggravvji tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tqies illi r-rikors ta'l-appell huwa wiehed validu skont il-ligi u tordna il-prosegwiment tas-smigh ta'l-appell.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur